MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Avviz Numru. 88/2008

**Anglu Xerri Limited (C-17558)**

**vs**

**Pastaluovo Limited (C-5040)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-21 ta’ Frar tas-sena 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lis-socjeta` intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ disat elef u disgha u tmenin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€9,089.57), bilanc ta’ somma akbar dovuta sal-

lum mis-socjeta` intimata ghal fornituri ta’ prodotti tal-ikel fosthom *preserves* u bajd;

2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid numru 223/08 u tal-Mandat ta’ Sekwestru 222/08, bis-socjeta` intimata ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta datata t-22 t’Ottubru tas-sena 2008, li permezz taghha s-socjeta` intimata eccepiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` Pastaluovo Limited qieghda tammetti t-talba tas-socjeta` rikorrenti limitatament ghall-ammont reklamat bhala sorte;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ammissjoni tas-socjeta` esponenti, jigi rilevat li s-socjeta` intimata kienet diga` offriet il-hlas lis-socjeta` rikorrenti mill-assi stess tas-socjeta` intimata u dan, sabiex tassigura esekuzzjoni aktar effettiva lis-socjeta` rikorrenti tal-kreditu taghha, ghal liema offerta s-socjeta` rikorrenti qatt ma wiegbet u ghaldaqstant is-socjeta` intimata m’ghandhiex tbaghti spejjez ta’ din il-procedura;

3. Illi minghajr pregudizzju, ghas-suespost, ghal kull buon fini sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, is-socjeta` esponenti kontestwalment man-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha qieghda tiddeposita taht l-awtorita` ta’ din il-qorti a favur ta’ l-istess socjeta` rikorrenti l-assi mobbli li hija offriet lis-socjeta` rikorrenti a saldu tal-pretensjonijiet taghha, kopja ta’ l-istess hawn annessa u mmarkata bhala Dok PL1 u b’hekk jigi estint l-kreditu tas-socjeta` Anglu Xerri Limited;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` esponenti m’ghandhiex tbaghti l-ispejjez reklamati mis-socjeta’ rikorrenti b’mod partikolari dawk relatati ma’ l-atti kawtelatorji indikati fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti, in kwantu jekk saru dawn saru inutilment u inoltre s-socjeta` rikorrenti kienet ipprezentat ukoll Mandat

ta’ Inibizzjoni Nru 1345/08 liema mandat kien gie cedut minn l-istess socjeta` rikorrenti wara li s-socjeta` eccipjenti qajmet l-improponibilita` ta’ tali mandat;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

6. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tas-socjeta` intimata datat ukoll it-22 t’Ottubru tas-sena 2008, li permez tieghu irriafferma l-ammissjoni tas-socjeta` intimata ghas-sorte meritu tal-procedura odjerna u zamm ferm l-oggezzjoni ta’ l-istess socjeta` rigwardanti l-kap ta’ l-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu jinghad li l-ewwel li ghandu jigi deciz f’din il-procedura hu l-lanjanza rigwardanti l-meritu veru u proprju ta’ l-istess;

Illi fil-kaz odjern il-meritu jirrigwarda l-ammont ta’ disat elef u disgha u tmenin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€9,089.57), bilanc minn somma akbar dovuta mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti ghall-prodotti ndikati fl-avviz promotur;

Illi a bazi ta’ l-ammissjoni tas-socjeta` intimata ai termini ta’ l-ewwel eccezzjoni sottomessa mis-socjeta` intimata, kif konfermata wkoll fil-verbal tat-22 t’Ottubru tas-sena 2008, mill-istess rapprezentant legali ta’ l-istess socjeta`, jigi kkonfermat li *ex admissis* l-ammont hekk indikat hu dovut lis-socjeta` rikorrenti mis-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza vera u proprja li allura din il-qorti issa ghandha tiddetermina hu min mill-partijiet ghandu jigui akkollat bl-ispejjez ta’ din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward is-socjeta` rikorrenti ssostni in sintesi s-segwenti:

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti hu ghall-konsenji ta’ bajd li hi kienet tforni lis-socjeta` intimata;

2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda pjuttost durevoli u konfortanti fejn is-socjeta` intimata kienet hallas bi flus kontanti u premezz ta’ cekkijiet ghall-prodotti minnha accettati mis-socjeta` rikorrenti mensilment;

3. Illi dan il-metodu ta’ pagament kien isir kif miftiehem bejn il-partijiet u hu sostnut li qatt ma kien hemm xi ftehim li l-pagamenti dovuti kellhom isiru b’xi metodu iehor;

4. Illi kien biss wara li kienet giet intavolata l-procedura odjerna li s-socjeta` intimata offriet lis-socjeta` rikorrenti li l-ammonti dovuti kellhom isiru b’oggetti flok bi flus;

5. Illi meta s-socjeta` intimata bidlet isimha, ir-relazzjoni kummercjali baqghet intatta u l-pagamenti kienu wkoll isiru regolarment;

6. Illi pero’ l-ammonti dovuti mis-socjeta` intimata baqghu ma thallsux;

7. Illi l-oggetti offruti in permuta mis-socjeta` intimata ghas-saldu ta’ l-ammont

minnha dovut dejjem gew rifjutati mir-rappresentanti tas-socjeta` rikorrenti;

8. Illi ghalhekk kellha tigi ntavolata l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward, is-socjeta` intimata ssostni s-segwenti:

1. Illi l-ftehim bejn is-socjetajiet fuq indikati kien wiehed ta' natura kummercjali fejn is-socjeta` rikorrenti kellha tforni l-materja prima, f'dan il-kaz il-bajd, u s-socjeta` intimata kellha thallas ghal dawn il-fornituri b'cekkijiet jew b'xoghol;

2. Illi s-socjeta` intimata waqfet topera fl-2004;

3. Illi ghall-ammonti dovuti lis-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata issostni li offriet bank tax-xoghol, "*counter",* (ara fol 40), bhala pagament ghas-saldu;

4. Illi meta rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti spezzjona l-oggett offrut informa lir-rapprezentant tas-socjeta` intimata li kellu lil xi hadd interessat fih;

5. Illi jirrizulta li n-negozju ma sehhx;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata jallega li kien hemm xi trattattivi bejn il-partijiet rigward il-possibilita` ta' xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet jirrizulta li dawn it-tentattivi baqghu fil-fazi ta' trattattivi u ma jirrizultax li ikkonkretizzaw ruhhom f'kuntratt solidu bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk, ma jirrizultax li s-socjeta` rikorrenti intrabtet b'xi mod bil-permuta proposta;

Ikkunsidrat:

Illi li jirrizulta hu li fir-relazzjoni kummercjali li kienet tezisti bejn il-partijiet is-socjeta` rikorrenti kellha l-obbligu tal-fornitura tal-materja prima, u s-socjeta` intimata kellha l-obbligu tal-pagament - haga li sal-lum, nonostante l-offerta tal-pagament indikata fit-tieni (2) paragrafu tar-risposta taghha u d-depozitu minnha ezegwit kif indikat fit-tielet (3) paragrafu ta' l-istess risposta – ghadha ma effettwatux;

Illi konsegwentement l-obbligu tas-socjeta` intimata fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti ghadu ma giex espijat;

Ikkunsidrat;

Illi dak li jirrizulta li sar mis-socjeta` intimata hu biss dilungar inutile, u b'kull mezz possibbli, biex tkun posposta d-data tal-pagament dovut;

Illi ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tas-socjeta` intimata, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata Pastaluovo Limited hi debitrici fl-ammont ta' disat elef u disgha u tmenin Ewro u sebgha u hamsin centezmu, (€9,089.57), favur is-socjeta` rikorrenti Anglu Xerri Limited;

2. Tikkundanna lill-imsemmija socjeta` intimata biex thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi kif mitluba fl-avviz promotur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------